# QORTI TA'L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**ONOR.IMHALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell numru: 06/2012**

**JOSEPH CARUANA**

**Vs**

**HAL MANN VELLA LIMITED**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur moghtija fl-4 ta' Mejju 2012 fejn gie deciz:-

*'**It-Tribunal,***

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-17 ta' Dicembru, 2009 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn, mitejn u tmeinja u tmenin ewro (€2,288), rapprezentanti prezz ta' granit u li dan il-granit spicca mtebba'.*

*L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rapprezentanti tas-socjeta' intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara l-granti ghal prezz ta' elfejn, mitejn u tmeinja u tmenin ewro (€2,288), minghand id-ditta intimata u dan il-granit huwa mtebba', kif ukoll dan l-istess granti twahhal mis-socjeta' intimata.*

*Is-socjeta' intimata ssottomettiet li l-granit huwa ta' materjal naturali u li huwa poruz u li gara hu li l-materjal tal-granit assorba l-umdita' mill-atmosfera.*

*Minhabba n-natura teknika tal-materja, it-Tribunal qabbad espert tekniku lis-Sur Vincent Ciliberti, fejn ikkonkluda fir-rapport tieghu skond is-segwenti;*

*Illi skond ir-rapport tekniku, t-tbajja qed isiru minhabba rizultat ta' tixrib taht il-livell tal-granit u li allura dan qieghed jikkawza dawn il-hsarat.*

***It-Tribunal jinnota illi:***

*It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u wara li ra r-rapport tal-espert tekniku, qieghed jaqbel impjenament mar-rapport.*

***Ghal dawn il-mottivi:***

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' intimata thallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2000) bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata, inkluz l-ispejjez tar-rapport tal-espert tekniku.'*

Minn din is-sentenza appellat s-socjeta intimata Hal Mann Vella Limited fit-termini tas-segwenti aggravvji:

1. Illi is-sentenza appellata hija kontradittorja billi nonostante li t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fil-konsiderazzjonijiet u fid-decizjoni tieghu strah fuq u qabel pjenament mar-rapport tal-perit tekniku, liema rapport jikkonstata illi l-granit supplit m'huwiex difettuz, it-Tribunal xorta wahda ghadda sabiex laqa' t-talba ta'l-appellat.

2. Illi it-Tribunal naqas milli jindirizza fid-decizjoni tieghu l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta appellanti illi l-appellat naqas milli isegwi il-procedura dettata fl-artikolu 79(1) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi t-Tribunal naqas milli jikkunsidra, jitratta u jiddeciedi b'motivazzjoni adegwata l-hames eccezzjoni tas-socjeta appellanti fis-sens illi l-ammont pretiz mill-appellat m'huwiex gust stante illi giet rifuza lilu stess is-somma ta' €355 minhabba xi differenzi fil-metragg tal-granit illi irrizultaw meta sar it-tqeghid.

Illi is-socjeta appellanti tattakka id-decizjoni tat-Tribunal billi tqies illi din hija wahda kontradittorja ghaliex tibbaza id-decizjoni taghha illi takkolji it-talba attrici fuq il-konkluzjonijiet peritali li bl-ebda mod ma jissuffragaw it-tezi attrici. Dan ghaliex l-perit tekniku Vincent Ciliberti ikkonkluda illi l-granit mibjugh u supplit lill-atturi ma kienx difettuz kif allegat u li tqieghed skont is-sengha u l-arti. Attribwixxa id-difett, konsistenti fi tbajja, lin-natura umduza tas-swol sottostanti u mhux ghal kwalita tal-granit. Gjaldarba ghalhekk it-Tribunal abbraccja dina l-konkluzjoni ma kellux minghajr ebda motivazzjoni ulterjuri ighaddi sabiex jakkolji it-talba attrici.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi id-decizjoni impunjata hija fil-fatt nieqsa minn motivazzjoni adegwata li tista' twassal lill-partijiet involuti f'dan l-event litigjuz ghal incertezza dwar l-mottiv li wassal ghal parti dispozittiva tad-decizjoni.

"... **tajjeb li jigi rilevat minn dak akkolt mill-gurisprudenza illi "l-volonta` tal-gudikant tista' tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-disposittiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni izda ghandu jigi minn din definit u spjegat" ("Gerald Bartoli nomine -vs- Emanuel Mathiundes nomine", Appell Kummercjali, 29 ta' Lulju 1970). Kif ahjar precizat "il ragionamento nella motivazione di una sentenza e la conclusione da esso tratta nel corso della stessa motivazione, quantunque tale**

**conclusione non formi parte del dispositivo della sentenza medesima, costituiscono una decisione implicita quante volte quella conclusione formo` la base ed era necessaria per arrivare razionalmente al dispositivo espresso. Una siffatta decisione implicita ha tutta l'awtorita` della cosa giudicata" – "Giuseppe Formosa Speranza nomine –vs- Pietro Guglielmo Camilleri", Appell Kummercjali, 16 ta' Jannar 1933 a Vol XXVIII pI p740. – tomlin Company limited vs jon David Limited app inf deciza 20/10/2003**

Issa t-Tribunal illimita il-gudikat tieghu ghal addozjoni tar-rapport peritali li iddikjara li kien accettabbli ghalih taht kull aspett u waqaf hemm minghajr ma ghamel approfondiment ulterjuri tal-atti probatorji.

**"F'okkazjonijiet simili kien hemm gudikati tal-Qorti tal-Appell fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali addozjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz.[1]"**

Illi f'dan il-kaz ir-rapport peritali wasal ghal konkluzjoni illi il-granit supplit ma kellu l-ebda difett kif allegat u irriskontra il-kawza tad-difett allegat fin-natura umduza u poruza tas-sottoswol fejn tqieghed. Illi allura it-Tribunal kellu jimxi pass iehor billi jindaga x'kien il-ftehim pattwit bejn il-partijiet u cioe' jekk kienx gie imwieghed mill-bejjiegh lill-konsumatur illi il-granit kien tajjeb sabiex jitqieghed anke f'postijiet fejn hemm l-umdita'. Jekk inghatat din il-garanzija allura l-bejjiegh ma jistax imur lura minn dak miftiehem u huwa tenut ihallas ghad-danni konsegwenzjali, izda jekk tali garanzija ma kenitx giet

[1] Louis Theuma vs Anthony Borg, App.Sup deciza 05/10/2001

pattwita u anzi il-konsumatur kien gie avzat illi minn natura tieghu l-granit huwa materjal poruz, allura per konsegwenza ma jistax issa ifittex il-bejjiegh ghal dan l-event dannuz.

**"…. hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore". ("Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen", Qorti talKummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet "Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915); Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell (subpara. "a"), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom (subpara. "b"), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (subpara "c") u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna ... (subpara "d")[2]" app.inf 24/09 – Natasha Grech vs G.I. trading limited 18/06/2010**

Illi huwa evidenti illi t-Tribunal dan l-ezami ma ghamlux sabiex b'hekk id-decizjoni finali giet nieqsa minn motivazzjoni adegwata u taghti apparenza ta' konfliggenza bejn dak deciz u dak ragjonat. Mhux biss izda ghalkemm it-

[2] App.Inf 24/09 – Natasha Grech vs G.I. trading limited 18/06/2010

Tribunal fid-decizjoni tieghu issostni illi instemghet ix-xhieda bil-gurament tal-partijiet, madanakollu minn ezami tal-verbali jirrizulta illi hadd mill-kontendenti ma' xehed u kwindi ma hemmx dubbju illi l-attur ma irnexxielux jipprova t-talba tieghu, u allura l-inadempjenza minn naha tal-kummercjant kif imfisser fl-artikolu 73(1) tal-Kapitolu 378, ezercizzju li kien doveruz minn naha ta'l-attur, iktar u iktar fid-dawl tal-konkluzjonijiet peritali.

Billi ghaldaqstant jirrizulta illi t-talba attrici ma gietx sufficjentement ippruvata, il-Qorti ghalhekk tqies illi filwaqt illi s-socjeta appellanti ghandha ragun fl-ewwel aggravvju minnha interpost, tqies illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula t-talba attrici ma tisthoqqx akkoljiment. Illi b'dan deciz, l-Qorti ma tarax illi ghandha tinoltra ruhha fl-aggravvji l-ohra ta'l-appellanti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tilqa l-ewwel aggravvju imressaq mis-socjeta appellanti, bis-setgha moghti lilha bl-artikolu 22(4) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, tghaddi biex tichad it-talba attrici billi mhux sufficjentement ippruvata. L-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu ghak-karigu ta'l-attur appellat.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur